MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 388/2010

**Richard Attard fil-kapaċita’ tiegħu bħala d-Direttur tas-Soċjeta’ Kummerċjali bl-isem ta’ Newco Steel Ltd.**

**-vs-**

**Adolph Baldacchino u għal kull interess li għandha martu Joanne Baldacchino**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-19 ta’ April 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi s-soċjeta’ kummerċjali Newco Steel Ltd., hija kreditriċi versu l-intimat Adolph Baldacchino, għas-somma ta’ sitta u għoxrin elf, seba’ mija u ħamsa u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (EUR 26,795.70) rappreżentanti numru ta’ ħlasijiet dovuti lilha kumplessivament u li tali bilanċ jirrifletti diversi

negozjamenti ta' bejgħ ta' materjal ta' xbieki tal-ħadid li saru matul l-2008 u 2009;

2. Illi dan l-imsemmi kreditu ta' flus li s-soċjeta' kummerċjali Newco Steel Ltd. għandha versu l-intimat/i huwa manifestat permezz ta' numru ta' fatturi nkluż rendikont finanzjarju (Dok. NS1 u Dok NS2) li juru xi tħallas mill-intimat innifsu u x'fadal x'jitħallas;

3. Illi *stante* li s-soċjeta' kummerċjali Newco Steel Ltd. permezz tad-Direttur/i tagħha, interpellat kemm-il darba lill-intimat/i kemm verbalment kif ukoll bil-miktub f'diversi drabi sabiex jiġu evitati spejjeż bla bżonn u sabiex din il-vertenza ma tispiċċax f'kawża ġudizzjali, l-intimat/i baqgħu itawwlu, u jagħmlu wegħdiet ta' ħlas li fl-aħħar minn l-aħħar wrew fid-dawl tar-realta' li kienu nfondati u qatt ma wasslu sabiex jimmaterjalizżaw ruħhom;

4. Illi ġaladarba t-tentattivi li saru da parti tal-esponenti ma wasslu mkien, huwa kien kostrett jintavola u jippreżenta mandat ta' inibizzjoni fuq id-dar residenzjali u matrimonjali bl-isem *"Silver Shadow"* ta' 24 fi Triq is-Selq, Żabbar li konsegwentament ġie appuntat għas-26 ta' Marzu 2010 u milqugħ b'mod definittiv mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz tad-digriet tagħha tas-26 ta' Marzu 2010;

5. Illi għal dawn il-motivi u *ai* finijiet ta' proċedura qedgħin jiġu inizzjati s-segwenti proċeduri, *stante* illi l-ammont pretiż għadu ma ġiex imħallas sal-ġurnata ta' llum, u għal dawn ir-raġunijiet hekk premessi, is-soċjeta' kummerċjali rikorrenti u l-finanzjament tagħha għadu aggravat serjament u permezz tad-Direttur tagħha, qedgħa tinterponi umilment dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant jgħid għaliex is-soċjeta' intimata m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

a. Tinibixxi lill-intimati, *permanentement* u b'mod definittiv milli jbiegħ, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi propjeta' u

b’mod partikolari d-dar residenzjali u matrimonjali bl-isem ta’ “*Silver Shadow*” ta’ 24, fi Triq is-Selq, Żabbar;

b. Tiddikjara u tikkonferma li l-intimati jew min minnhom, huma debituri versu s-soċjeta Newco Steel Ltd għas-somma ta’ sitta u għoxrin elf, seba’ mija u ħamsa u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (EUR 26,795.70);

c. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, li jersqu għall-effettiv ħlas ta’ sitta u għoxrin elf, seba’ mija u ħamsa u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (EUR 26,795.70) fi żmien qasir u perentorju;

d. Tordna kull rimedju u / jew direttiva ulterjuri li huma xierqa u neċessarji sabiex jiġi protetti l-interessi finanzjarji tas-soċjeta Newco Steel Ltd. *in kwantu* għall-imsemmi kreditu ta’ flus li hija għandha versu l-intimati;

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-proċeduri tal-mandat ta’ inibizzjoni numru kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bl-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli fuq l-ammont kollu dovut.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimati debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata u li jidhru għas-seduta tal-lum.

Semgħet lill-attur.

**Billi t-talba attriċi hija ġustifikata, fil-kontumaċja tal-konvenuti l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------